# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura
Laqgħa Numru 8/2023

23 ta' Ġunju, 2023

Il-Kunsill Lokalita' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | ViċiSindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

UffiċċjalPreżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**8.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien avża li ser jittardja ftit. Huwa ġie skużat.

**8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 6.1.1 (xogħol tal-culverts) kien miexi ġmielu, u qal li l-uniku lment li kien irċieva l-Kunsill kien li l-katusi li kienu qed jintużaw kienu dojoq wisq. Is-Sindku spjega li l-Perit għalkemm qablet li kienu dojoq kienet qed tibża' li jekk jitħaxxnu l-katusi Triq it-Tellerit ma tlaħħaqx mal-ilma u t-triq tibda tfur għalhekk intlaħaq kompromess li l-katusi jitħaxxnu fil-kantuniera ta' Triq l-Iskola ma Triq iż-Żurrieq u mbagħad jitħaxxnu u jiżdiedu l-manholes fi Triq it-Tellerit

8.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 6.1.2 (podium) il-kunsill kien bagħat l-ritratt ta' kif kien ġej il-podium permezz ta' e-mail u kkonferma li issa l-logo ser jiġi taħt l-isem tal-Kunsill.

8.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 6.1.5 (testing tal-ilma) kien ser isir it-testing tal-ilma ta' Misraħ San Ġużepp u li kienet ser jittieħed sample sabiex naraw jekk l-ilma li hemm fil-ġiebja hux tajjeb għat-tisqija.

8.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 6.1.6 (ġiebja Triq il-Kuċċard) il-problema kienet li x'ħin il-ħaddiema fetħu l-ġiebja din kienet vojta kompletament. Is-Sindku spjega li suppost il-ġiebja kellha tkun nofsha soak away u nofsha le. Is-Sindku qal li Infrastructure Malta kienu talbu lill-Kunsill biex il-ħaddiema tagħna jinżlu jaraw x'kienet is-sitwazzjoni u jieħdu xi ritratti biex imbagħad Infrastructure Malta jistabilixxu jekk ix-xogħol ikunx sar skond il-kuntratt.

8.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 6.1.7 (gate quddiem id-*Detention centre*) huwa kien attenda laqgħa li kienu mistiedna *Transport Malta* u CEO tad-D*etention Centre* u l-Kunsill. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa ic-CEO ma kienx attenda. Is-sindku qal li c-CEO tad-*Detention Centre* kien bagħat li huwa kien lest li jilqa' xi proposti x'jista' jsir sabiex jitnaqqas il-periklu. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa *Transport Malta* esiġew li l-gate tiġi rtirata l-ġewwa kemm jista' jkun. Is-Sindku qal li bħala Kunsill kien għamilha ċara li aħna qed naraw li ser ikun hemm periklu kemm għal min ikun ħiereġ mid-*detention centre* kif ukoll min ikun nieżel Triq il-Karwija u li l-Kunsill kien qiegħed iżomm lid-Detention Centre responsabbli għal kull inċident li jista' jinqala'.

8.1.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju l-Kunsillier Mark Cocker kien attenda laqgħa rigward it-traffic management. Is-Sindku spjega li wara din il-laqgħa reġa' kien hemm laqgħa oħra sabiex jkunu jistgħu jattendu l-SME's li għaliha kienu attenda s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera s-Sur Mark Cocker. Is-Sindku spjega li l-SME's kellhom ġimgħa ċans wara din il-laqgħa biex jissottomettu l-proposti tagħhom. Is-Sindku ressaq il-proposti li kienu qed jissuġerixxu li huma: li Triq Dun Karm Lia terġa' ssir 'two way' u li Transport Malta tagħti din l-approvazzjoni tagħha għat-traffic management bi prova għal tlett xhur. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' kien ta r-raġunijiet għaliex ma kienx jaqbel li Triq Dun Karm Lia terġa ssir 'two way'.

8.1.7 Is-Sindku qal li dak inhar tal-laqgħa tal-Kunsill filgħodu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għall-inawgurazzjoni tad-*Dog Park* mill-Ministru Miriam Dalli u s-Segretartju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-drittijiet tal-Annimali. Is-Sindku qal li għall-inawgurazzjoni kien attenda ukoll is-CEO ta' Projects Green is-Sur Steve Ellu u diversi persuni li kellhom x'jaqsmu max-xogħolijiet li kienu saru fid-Dog Park. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li d-dog park kien ġie sabiħ ħafna u l-feedback tan-nies kien wieħed pożittiv ħafna. Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera kif kienu tqegħdu t-tlett CCTV cameras sabiex ikun hemm sigurta sħiħa biex jitnaqqsu l-abbużi u vandaliżmu.

8.1.8 Is-Sindku qal li ref punt 6.2.9 (proġett Greenup) kien ser imur wieħed mill-iskrivani u li kien ser jitlaq it-Tnejn ta' wara l-laqgħa tal-Kunsill.

8.1.9 Is-Sindku qal li ref punt 6.2.11 (proġett Ġnien Dun Karm Vella) l-Kunsill kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill fejn il-Kunsill qabel li t-Triq tibqa' kif inhi u ma ssirx pedestrian u l-applikazzjoni ssir fuq sular wieħed għal underground parking.

8.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kinitx saret id-*Dinasour Day*. Is-Sindku kkonferma li kienet saret u li l-attivita' kienet marret tajjeb ħafna ukoll.

**8.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.2.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mill-LESA li kienu ser jagħtu 10% miċ-ċitazzjonijiet addizjonali meta ċ-ċitazzjoni li tingħata minn CCTV camera li tkun installata mill-Kunsill.

8.2.2 Is-Sindku spjega li kien sar ftehim bejn l-AKL u l-LESA sabiex il-Kunsill jibda jkollu fondi apposta sabiex jintużaw għall-infurzar waqt il-festi li jsiru fir-raħal. Il-Kunsill iddiskuta kif ser tkun amministrata din l-inizjattiva.

Il-Viċi Sindku kien preżenti għal laqgħa 16.55

8.2.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva stedina oħra taħt il-proġett Greenup li ser issir l-Ungerija bejn l-4 u s-7 ta' Settembru, 2023. Is-Sindku qal li 'l quddiem, Malta ser tkun qed tospita l-istess delegazzjonijiet. Is-Sindku qal li din id-darba l-Kunsill jista' jibgħat żewġ persuni u qal lill-Kunsilliera sabiex min kien interessat kellu jikkonferma sabiex inkunu nistgħu nagħtu l-ismijiet.

8.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibbenfika s-somma ta' €12,224.80 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex issir attivita' Kulturali. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika sabiex issir attivita' kulturali f'Novembru, 2023.

8.2.5 Is-Sindku qal li mill-1 ta' Ġunju, 2023 kien beda l-kuntrattur tal-knis il-ġdid. Huwa qal li bħala *feedback* kulħadd kien qed ifaħħar ix-xogħol ta' dan il-kuntrattur. Is-Sindku spjega s-sistema kif kien qed jaħdem l-istess kuntrattur.

8.2.6 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li nhar is-Sibt 22 ta' Lulju, 2023 kienet ser tiġi organizzata *Gala Dinner* il-Barrakka ta' Fuq sabiex min kien interessat li jattendi kellu japplika minnufih.

8.2.7 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li s-Servizz tas-Silver T issa kien ġie estiż anki sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jattendu ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop. Huwa spjega li l-*Active Ageing* kienu għamlu promozzjoni ta' dan is-servizz tajba ħafna u li aħna konna ġibna avviż waqt il-quddies tal-Ħadd fil-Parroċċa.

8.2.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li s-servizz tal-*Community Police* kien appik li jibda. Huwa spjega li diġa' kien iltaqa' mas-Surġent u diġa' kien uriha il-kamra tal-IT li għal issa ser ikun l-uffiċċju tagħhom. Is-Sindku spjega mill-ġdid kif kien ser jaħdem il-*Community Police*.

8.2.9 Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien attenda laqgħa minħabba l-karozzi tal-linja li jgħaddu minn Triq San Pawl. Huwa qal li waqt il-laqgħa kien kkonferma li l-Kunsill ma kienx jaqbel li jitneħħew il-parkeġġi minħabba n-negliġenza ta' ċerti sewwieqa. Is-Sindku spjega li *Malta Transport* kienu qed jissuġġerixxu li ssir kurduna sabiex tal-linja jkollhom linja ta' gwida huma u jsuqu. Is-Sindku ta l-qisien tal-istess kurduna u qal li din għandha ssir mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir din il-kurduna.

8.2.10 Is-Sindku ressaq filmat dwar problema li l-Kunsill kien irċieva fi Sqaq tal-Palma. Is-Sindku wera l-filmat lill-Kunsillieri bit-trakkijiet telgħin il-ħin kollu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li suppost ma jgħaddux inġenji kbar minn din it-triq u ssuġġerixxa li jiżdiedu t-tabelli li ma jistgħux jgħaddu heavy vehicles filwaqt li il-Viċi Sindku ssuġġerixxa *No entry except to render a service.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel li meta jibdew il-*Community Police* nibagħtuhom f'din l-akwata u nżidu xi tabelli ġodda u nibagħtu il-video lil *Transport Malta* forsi jkunu jistgħu jtuna xi suġġerimenti.

8.2.11 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jixtri *free standing CCTV camera* bħalma twaħħlu fid-Dog Park. Is-Sindku ta l-vantaġġi meta jkollok *stand alone camera*, ma jkollokx spiża tal-meter tad-dawl imma jkollok biss spiża tas-*sim card* ta' madwar €20 fix-xahar. Is-Sindku kompla jagħti l-benefiċċji li jkollu l-Kunsill jekk ninvestu f'camera bħal din għaliex inkunu nistgħu nindirizzaw numru ta' *hot spots* li għandna Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni ta' €1829 bl-installazzjoni b'kollox. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

8.2.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva ilment mingħand sid ta' store minn Triq San Tumas. Huwa qal li kien tkellem ma uffiċċjal minn *Transport Malta* li infurmana li

peress li mhux garaxx ma jistgħux isiru *double yellow lines* pero biex ngħinuh jista' japplika għal *loading/unloading parking bay*. Is-Sindku spjega li għal *loading* u *unloading* sid l-istore ikollu ħin ta' 8 sigħat li jistgħu jinqasmu erba' sigħat u erba' sigħat skont il-ħtiġijiet tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ngħinu lil din il-persuna fil-mili tal-applikazzjoni kif ukoll insaqsuh l-aħjar ħin li għandu bżonn li l-*parking bay* ma jkunx hemm karozzi pparkjati quddiem l-*istore* tiegħu.

8.3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

8.3.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk dakinhar (23 ta' Gunju 2023) kienx daħal rapport tal-pulizija li kien ħa n-nar fil-pompa tal-petrol li hemm fi Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsill ikkonferma li ma kienx daħal l-ebda rapport u s-Sindku qal li minn għamel ir-rapport (f'dan il-każ il-Viċi Sindku) kellu d-dritt għal kopja tal-istess rapport. Il-Kunsill iddiskuta l-periklu kbir li kien hemm minħabba dan il-ħruq.

8.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li bħal Sjuf oħra kienet ser tibda torganizza mixja darba fil-ġimgħa.

8.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha l-ħsieb li fix-xahar ta' Lulju torganizza *water games* fil-grawnd tal-futbol. Hija tat id-dettalji ta' xi logħob li xtaqet torganizza. Is-Sindku qal li kien ser jgħaddilha xi numri ta' kuntatti biex issir din l-attivita'.

8.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi dettalji rigward il-laqgħa li kien attenda mar-Reġjun Punent minħabba l-*Active Ageing*. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonferma li sa issa l-Kunsill ma kienx irċieva dettalji.

8.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi minħabba l-funtana tal-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-Tnejn ta' wara l-laqgħa kien ġej il-kuntrattur tal-bandli u kienet ser tiddiskuti miegħu x'jista' jsir.

8.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li *Żurrieq Road* kien hemm qasrija b'xitla mejta. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill ma kellux xi ħadd tas-sengħa biex is-*soft areas* jinżammu fi stat tajjeb. Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku ssuġġerixxa li issa li bdiet ħafna sħana kien jinħtieġ li t-tisqija ssir tlett darbiet fil-ġimgħa.

8.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li d-dewmien sabiex tinxtegħel il-bozza fi Triq San Ġorg mill-Enemalta kien wieħed tal-mistħija. Huwa qal li saħansitra kien tkellem mal-Ministru tal-Enerġija minħabba dan id-dewmien. Il-Kunsill iddiskuta x'wassal għal dan id-dewmien u ħass li ma kienx ġust li qed jeħel il-Kunsill meta fil-fatt l-Enemalta kienu skonnettjaw il-bozza mingħajr ma għarrfu lill-Kunsill b'dan. Is-Sindku

qal li minn naħa tiegħu kien kellem lill-Inġinier dirett sabiex issir il-connection mal-linji tal-imsemmija bozza.

## 8.4 Rapporti

Approvazzjoni l-Ewwel Quarterly Financial Report 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-ewwel *Quarterly Financial Statements* Q1 (Jannar – Murzu 2022) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi applowdjat onlajn.

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mill-Perit tal-Kunsill sabiex isir *Survey* minħabba l-proġett ta' Ġnien Dun Karm Vella. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-kwotazzjoni kienet waħda għolja ħafna u għalhekk għandna nistaqsu lill-Perit għal tlett kwotazzjonijiet.

## 8.5 Approvazzjoni *Slow Streets* (l-Ewwel Fażi)

Is-Sindku għadda kopja tat-*tacticle urbanism* li kienu ppjanati għall-applikazzjoni li l-Kunsill kien ser iressaq għal proġett *Slow Streets*. Is-Sindku spjega lilll-kunsillieri li l-applikazzjoni kienet tinkludi l-bidliet li kien qabel dwarhom waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill b'żieda li Triq il-Menqa issir one way (il-parti li tmiss ma Triq il-Hajt Ruman) Il-Kunsill iddiskuta u ma qabilx mas-suggeriment li Triq il-Menqa tiġi One Way.

Is-Sindku ressaq ukoll d-disinn ta' kif kienu ser jinżebgħu l-*cross roads* u l-parkeġġi tal-pjazza. Is-Sindku spjega li b'dan l-intervent is-sewwieqa kienu ser jibdew jidraw fejn m'għandhomx isuqu b'veloċita' eċċessiva. Il-Kunsill iddiskuta u qabel b'erba' voti favur u wieħed kontra. Il-vot kontra kien partikularment fuq il-parkeġġi tal-pjazza li kien ser jingħatalhom ż-żebgħa, li sakemm isir il-proġett kienu ser jibqgħu parkeġġi u allura ż-żebgħa kienet ser titħammeġ u ma kinitx ser tkun qiegħda tindika l-ebda velocita'.

## 8.6 Applikazzjoni PC 00056/22

Is-Sindku qal li ħass li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jiddiskuta dan il-permess (PC 00056/22) għaliex issa kienet intefghet l-applikazzjoni il-*Planning Control.* Is-Sindku ta spjegazzjoni fejn qieghda *is-site* u qal li hemm spekulazzjoni sħiħa ta' kemm il-appartament kien ser jinbena. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li binja massiva bħal din żgur li ser ikollha konsegwenzi problematiċi fuq ir-raħal. Is-Sindku qal li huwa diġa' kien f'kuntatt mal-manager reġjonali li qiegħed jieħu ħsieb l-ambjent u ssuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa' ma Perit kompetenti sabiex ikun jista' jtina parir tekniku sabiex bħala

Kunsill indaħħlu l-oġġezzjonijiet tagħna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nfittxi Perit tal-fiduċja tagħna.

**8.7 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-9.03pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 19 ta' Lulju, 2023 fil-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |